MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Numru. 416/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli]**

**vs**

**Carmel Mugliett**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Mugliett detentur tal-karta tal-identita` numru 457762(M).

Akkuzat talli gewwa l-Mosta fil-lejl ta’ bejn il-21 u t-22 ta’ Marzu 2010:
Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` serq mill-hanut bl-isem ‘Borg Brothers Butchers’, sitwat fi Triq Nicolo` Isourd, Mosta, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz,

bil-hin u bil-valur li jiskorri €232.94 izda li ma jiskorrix €2,329.37, u dan ghad-detriment ta’ Jamri Borg u/jew persuni ohra;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €116.47, u li saret ghad-detriment tal-imsemmija Jamri Borg u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti pprezentati mill-prosekuzzjoni kif ukoll il-Kusnens tal-Avukat Generali;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, u ikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien opportun sabiex jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 263, 264, 270, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat Carmel Mugliett hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah sena u nofs prigunerija.

Inoltre, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat jigi rikoverat l-isptar Monte Carmeli taht il-kura tal-psikjatra ta’ Dr Joseph Spiteri u sabiex hu jirrakomanda l-kura opportuna ghal kaz tieghu.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------